**QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI**

**IMHALLEF**

**ONOR. PATRICK VELLA, B.A., LL.D., M. JUR. (EUR LAW).**

**Seduta Nru :**
**Appell Nru: 188/2001**

**Il-Pulizija (Spettur Alex Miruzzi)**

**Vs**

**ANTHONY ZAMMIT**

**Illum, 11 ta'Frar, 2002.**

Il-Qorti :

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Anthony Zammit li permezz taghhom gie akkuzat talli fl-20 ta'April, 2001, ghall-habta tas-6.50 a.m., waqt li kien fl-inhawi ta'San Blas, limiti ta'Haz-Zebbug, waqt stagun miftuh ghall-kacca ta'ghasafar minn fuq l-art, kien ghall-kacca u kellu fil-pussess tieghu arma tan-nar ta' l-ghamla Benelli, sn 158513 (**a**) kellu fil-pussess jew kontroll tieghu arma tan-nar tal-marka Benelli sn 158513 u munizzjon go triq sekondarja (**b**) ikkaccja jew ipprova jikkaccja fit-triq b'arma tan-nar u munizzjon, u (**c**) naqas li jgorr fuqu licenzja ghall-iskop ta'kacca mahruga f'ismu mill-Kummissarju tal-Pulizija.

Il-Qorti giet mitluba li minbarra li taghti l-piena stabbilita, tordna l-konfiska ta' l-oggetti esebiti, kif ukoll tordna l-iskwalifika tal-licenzji kollha tal-kacca ghal zmien ta' mhux anqas minn sena.

Rat is-sentenza moghtija fit-28 ta'Settembru, 2001, mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta'Gudikatura Kriminali li biha sabet lill-Anthony Zammit mhux hati ta' l-imputazzjonijiet dedotti kontrih u lliberatu minnhom kollha.

Rat ir-rikors t'appell ta' l-Avukat Generali datat 18 ta'Ottubru, 2001, li bih talab li din il-Qorti **thassar** u **tannulla** s-sentenza appellata, u minflok, wara li jinstemghu l-provi, issib u tiddikjara htija fl-istess appellat Anthony Zammit fl-akkuzi mressqa kontrih, u tinfliggi l-piena skond il-ligi, inkluza l-iskwalifika temporanja tal-licenzja ghall-iskop tal-kacca.

Rat l-aggravju ta' l-appellant Avukat Generali.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Rat il-provi li tressqu, id-dokumeti esebiti w l-atti.

Semghet it-trattazzjoni.

**IKKUNSIDRAT :**

Illi fil-fehma ta' l-appellant Avukat Generali, l-ewwel Qorti kienet ghamlet enuncjazzjoni zbaljata tal-ligi kwantu jirrigwarda l-elementi tar-reat ta'pussess jew kontroll ta' arma tan-nar u munizzjon gewwa triq sekondarja, u, ghalhekk, erroneament kkonkludiet li l-akkuzi kontra l-appellat Anthony Zammit ma jreggux.

Issa ghal dak li jirrigwarda l-ligi applikabbli fil-kaz in ezami, din tohrog minn dak li jiddisponi r-Regolament 9, sub-inciz 4 ta' l-Avviz Legali 146 tas-sena

1993, kif sussegwentement emendat, ossia sostitwit, bir-Regolament 2 (b) ta' l-Avviz Legali 107 tas-sena 2000.

Hu minnu ghalhekk, kif qed jghid l-appellant, li jidher li l-ewwel Qorti, fis-sentenza taghha, bla ebda mod ma kienet ikkunsidrat din l-emenda li saret ghar-regolament principali u strahet, anke jekk b'mod erroneu fl-interpretazzjoni taghha ta' l-istess, fuq dak li kien jiddisponi originarjament l-imsemmi sub-inciz 4 tar-Regolament 9 ta' l-Avviz Legali 146/93.

Dan ir-Regolament 9 (4), kif mibdul u sostitwit, jghid li ebda persuna ma ghandha ggorr arma tan-nar, sew jekk ikkargata jew le, li ma tkunx qedha fl-ghata taghha, jew tispara xi arma ohra tan-nar, waqt li tkun anqas minn 200 metru minn kwalunkwe belt jew rahal, jew f'postijiet ohra abitati, jew anqas minn 50 metru minn toroq principali w arterji, bil-proviso li f'kaz ta' toroq sekondarji u moghdijiet fil-kampanja, din id-distanza ma tapplikax. Dan ifisser, mela, li meta si tratta ta' triq sekondarja fil-kampanja, bhal ma kienet fil-kaz in ezami, m'hemmx aktar kwistjoni ta'distanzi. Dan kjarament ifisser li f'toroq bhal dawn, huwa eskluz u projbit ghall-kollox b'mod tassattiv li xi hadd igorr arma tan-nar, jew ikollu taht il-kontroll u pussess tieghu arma tan-nar, li ma tkunx fl-ghata taghha, irrespettivament jekk kienetx ikkargata jew le.

Issa l-fatti li jirrizultaw mill-provi fil-kaz in ezami juru minghajr ebda dubju ragjonevoli, anzi sal-grad tac-certezza morali, li l-appellat Anthony Zammit kien qed igorr fuqu arma tan-nar fi triq sekondarja jew moghdija fil-kampanja, fil-gurnata w hin indikati fl-akkuzi, meta din ma kienetx fl-ghata taghha, arma li dak il-hin inzertat li kienet ikkargata ukoll. Jirrizulta wkoll mix-xhieda prodotti mill-prosekuzzjoni li f'dak il-hin, l-appellat Anthony Zammit, ma kienx qed igorr fuqu l-licenzja mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija ghall-iskop ta'kacca meta din giet mitlubha lilu. Mill-banda l-ohra, ma jirrizultax li f'dak il-hin u fil-post imsemmija fl-akkuzi, l-appellat kien b'xi mod qed jikkaccja jew jipprova jikkaccja fit-triq fejn instab.

Ghal dawn ir-ragunijiet, l-appellant Avukat Generali ghandu ragun limitatament ghall-ewwel u t-tielet akkuzi biss.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti qed tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li qed tikkonfermaha ghal dik li hija t-tieni akkuza kontra Anthony Zammit li taghha gie misjub mhux hati w illiberat minnha, qed tirrevokaha fil-bqija taghha, b'dan li wara li rat ir-Regolament 9 (4) ta' l-Avviz Legali 146/93 kif emendat bir-Regolament 2 (b) ta' l-Avviz Legali 107/2000, qed issib u tiddikjara lill-Anthony Zammit hati ta' l-ewwel u t-tielet akkuzi dedotti kontrih u, ghalhekk, fuqhom qed tikkundannah ghall-mitejn lira Maltin (Lm200) Multa. Inoltre qed tordna l-konfiska tas-senter Benelli numru tas-serje 158513 u tiskwalifika lill-istess Anthony Zammit milli jkollu licenzja ghall-iskop ta'kacca mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija ghall-zmien sena mil-lum.